

It-Tlieta 15 ta' Frar 2011

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2008 ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2006)0752),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 91 u 90(8) u tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0008/2011),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein.

⁽¹⁾ ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 99.

L-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar iddeterminazzjoni tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera ***

P7_TA(2011)0048

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (06242/2010 – C7-0140/2010 – 2006/0252(NLE))

(2012/C 188 E/21)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06242/2010),
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (16470/2006),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 78(2), punt (e) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0140/2010),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2008 ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2006)0754),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 100.

It-Tlieta 15 ta' Frar 2011

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0013/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Isvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein.

Ftehim bejn l-UE u l-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti ordinarji ***

P7_TA(2011)0049

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ir-rinunzja għall-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (16364/2010 – C7-0400/2010 – 2010/0228(NLE))

(2012/C 188 E/22)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16364/2010),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ir-rinunzja għall-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (13712/2010),
- wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0400/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0011/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.
-